## 24 ta' Marzu, 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. V.R. Sammut B.A., LL.D.**

Angelo Spiteri

*versus*

Santino Gauci

**Kontumaċja — Notifika taċ-Ċitazzjoni — Purgazzjoni tal-Kontumaċja — Art. 186, 698(2), 158(10) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Skond l-art. 186 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, in-notifika taċ-ċitazzjoni tista' ssir ukoll billi l-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar tal-konvenut, però jekk il-kopja ma tasalx f'idejn id-destinatarju mingħajr ħtija tiegħu, dan jista' jiġġustifika il-kontumaċja.*

*Il-Qorti elenkat diversi prinċipji li permezz tagħhom il-Qorti tasal biex tiddeċiedi jekk il-konvenut kellux jew le raġuni tajba biex jonqos milli jikkontesta ċ-ċitazzjoni fiż-żmien utili.*

Il-Qorti, rat l-inċident tal-kontumaċja tal-konvenut;

OMISSIS;

Mill-kompless tax-xhieda, u speċjalment meħud in konsiderazzjoni illi l-purtier qal li kien staqsa lill-missier il-konvenut jaċċettax personalment, barra minn daru, in-notifika taċ-ċitazzjoni għal ibnu, kuntrarjament għall-art. 186 Kap. 15, u illi missier il-konvenut u l-konvenut ċaħdu illi ġiet konsenjata lilhom iċ-ċitazzjoni, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ma ġiex notifikat;

Anki jekk wieħed għandu joqgħod fuq id-dikjarazzjoni tal-purtier illi huwa kkonsenja ċ-ċitazzjoni lill-missier il-konvenut, fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ġja ladarba ċ-ċitazzjoni qatt ma waslet f'idejh, kien ikun dejjem intitolat għall-purgazzjoni tal-kontumaċja;

Huwa veru illi l-ewwel subartikolu tal-art. 186 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi illi n-notifika tista' ssir anki billi l-kopja ta' l-iskrittura titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar tal-persuna li għandha tiġi notifikata fil-lok fejn toqgħod;

Iżda jekk, għalkemm l-uffiċjal tal-Qorti jkun għamel id-dover tiegħu sewwa in konformità ma' dan is-subartikolu, li skrittura tibqa' ma tasalx għand il-persuna li għandha tiġi notifikata, mingħajr ħtija tagħha, il-Qorti ma tikkunsidrax illi dik il-persuna għandha tiġi prekluża milli tiddefendi ruħha. L-iskrittura tista' skond il-liġi titħalla ma' ċerti persuni, f'ċerti positijiet, kif indikat fl-imsemmi artikolu 186, u magħmul dan, l-uffiċjal tal-Qorti jkun iddisimpenja d-dover tiegħu skond il-liġi u jkun hemm il-preżunzjoni li l-iskrittura waslet f'idejn id-destinatarju. Imma din il-presunzjoni ma għandhiex tkun "juris et de jure" u għandu jkun possibbli għad-destinatarju jiġġustifika l-kontumaċja;

Il-Qorti ta' l-Appell (Sedi Inferjuri) fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju, 1937, fil-kawża fl-ismijiet: Vittorio Cassar v. Carmelo Vassallo (Vol. XXIX i, 1581) wara li elenkat diversi sentenzi relattivi għal din il-materja, stabbiliet il-prinċipji li għandhom jirregolawha. Si trattava f'dik il-kawża ta' kontumaċja ta' konvenut imsejjaħ għas-subizzjoni fil-Qorti Inferjuri, imma l-prinċipju nvolut fil-kawża preżenti (fil-każ li wieħed ikkunsidra li Joseph Gauci rċeva ċ-ċitazzjoni fid-dar tiegħu u ma għaddihiex lill-ibnu residenti fl-istess dar) huwa identiku. Infatti, taħt fl-art. 698(2) kemm fl-art. 158(10) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dak li għandu

jiġi indagat huwa jekk il-konvenut kellux "raġuni tajba" biex jonqos milli jagħmel dak li l-liġi tirrikjedi minnu biex jikkontesta l-azzjoni;

Dawk il-prinċipji huma:

(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

(2) Anqas tista' tiġi ġġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

(3) Biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi ppruvata kawża ġusta;

(4) Dina l-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;

(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;

(6) L-iżball ma hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa.

(7) Dana l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal "una neċessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescendibili"

(8) L-impossibilità li wieħed jidher għas-subizzjoni, jew almenu d-diffikoltà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fid-deċiżjoni tagħha dwar

l-inċident tal-kontumaċja mogħtija fil-15 ta' Novembru 1943 fil-kawża: *Carlo Dimech vs Kaptain Ugo Sammut et ċeduta* P.A. 13.3.1944, ippronunzjat ruħha b'dan il-mod: "......fil-materja tal-purgazzjoni tal-kontumaċja ġie kostantament ritenut minn din il-Qorti illi m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija **tal-parti jew tal-mandatarju tagħha,** għax allura minflok il-prova ta' kawża ġusta jkun hemm il-"culpa", u f'dan il-każ il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn għax "qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire". *(ara sentenzi ta' din il-Qorti App. Inf.* tat-3 ta' Mejju 1943 in re. Mercieca vs. Mifsud, tal-21 ta' Diċembru 1942 in re. Zarb vs Chircop, tat-12 ta' Jannar 1942 in re. Grixti utrinque) ;"

Fil-kas preżenti ma jistax jingħad illi l-purgazzjoni tal-kontumaċja tal-konvenut issib ostakolu f'xi wieħed mir-rekwiżiti fuq imsemmija. Ma kien hemm ebda "culpa" da parti tiegħu u l-anqas ma jista' jingħad illi missieru, (jekk qatt irċieva *ċ-ċitazzjoni f'daru u ma għaddihielux) kien mandatarju* tiegħu u li għalhekk il-konvenut għandu talvolta jirrispondi għan-nuqqas jew għal fatt kolpus tiegħu;

L-inċident verbalizzat fol. 6 f'din il-kawża jimporta illi l-konvenut kien assenti peress illi ma kienx jaf bil-kawża u illi ma kienx jaf biha għax mhux notifikat u għalhekk, għalkemm imsejjaħ "l-inċident tal-kontumaċja" il-kwistjoni ma hijiex propriament dik ta' kontumaċja fil-veru sens, li f'dan il-kas kienet tkun timporta assenza tal-konvenut wara n-notifika regolari taċ-ċitazzjoni lilu. Però l-Qorti dehrilha opportun, anke għal finijiet prattiċi, tidħol ukoll fil-meritu tal-kontumaċja "vera e propria", in linea subordinata. Minn l-indaġini hekk magħmula, il-Qorti hija sodisfatta illi l-konvenut għandu jiġi ammess biex jiddefendi ruħu;

**Għalhekk:**

Tiddikjara illi l-konvenut ma huwiex kontumaċi u tordna illi issirlu n-notifika taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni, u għal dan l-oġġett tiddeferixxi l-kawża għall-24 ta' April, 1965. L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali.